

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Mejju 2009 —
ars Parfum Creation & Consulting vs UASI (Forma ta'
flixxun tal-fwieħa)**

(Kawża T-104/08) ⁽¹⁾

(“*Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' flixxun tal-fwieħa — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 7(1)(b), Artikolu 73 u Artikolu 74(1) tar-Regolament (KE) Nru 40/94*”)

(2009/C 141/84)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: ars Parfum Creation & Consulting GmbH (Cologne, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Späth u G. Hasselblatt, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: R. Pethke, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Novembru 2007 (Każ R 1656/2006-1) dwar ir-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kompost minn forma ta' flixxun tal-fwieħa bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) ars Parfum Creation & Consulting GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 107, 26.4.2008.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Marzu 2009 —
Alves dos Santos vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-184/08) ⁽¹⁾

(“*Fond Soċjali Ewropew — Skemi ta' taħriġ — Tnaqqis ta' għajjnuna finanzjarja inizjalment mogħtija — Rikors — Rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà manifesta*”)

(2009/C 141/85)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

Partijiet

Rikorrent: Rui Manuel Alves dos Santos (Alvaiázere, il-Portugall) (rappreżentant: A. Marques Fernandes, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Guerra e Andrade u B. Kotschy, aġenti)

Suġġett

Talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2004, innotifikata lil Rui Manuel Slves dos Santos fit-3 ta' Marzu 2008, li tnaqqas l-ammont tal-għajjnuna finanzjarja mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE), għal skema ta' taħriġ professjonali ppreżentata mill-amministrazzjoni Portugiża, fil-fajl Nru 890488 P1.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Rui Manuel Alves dos Santos huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 209, 15.8.2008.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' April 2009 —
Bundesverband Deutscher Milchviehhalter et vs Il-Kunsill**

(Kawża T-217/08) ⁽¹⁾

(“*Rikors għal annullament — Regolament (KE) Nru 248/2008 — Sistema tal-kwoti tal-ħalib — Żieda tal-kwoti nazzjonali fuq il-ħalib — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà*”)

(2009/C 141/86)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Bundesverband Deutscher Milchviehhalter eV (Bonn, il-Ġermanja); Romuald Schaber (Petersthal, il-Ġermanja); Stefan Mann (Eberdorfergrund, il-Ġermanja); u Walter Peters (Körchow, il-Ġermanja) (rappreżentanti: W. Renner u O. Schniewind, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Moore u Z. Kupčová, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. Tserpa-Lacombe u M. Vollkommer, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 248/2008, tas-17 ta' Marzu 2008, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 rigward il-kwoti nazzjonali fuq il-ħalib (ĠU L 76, p. 6).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Il-Bundesverband Deutscher Milchviehhalter eV, Romuald Schaber, Stefan Mann u Walter Peters għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill.
- 3) Il-Kummissjoni għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 209, 15.8.2008